**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Robert Baldacchino**

**Kumpilazzjoni numru 292/2017**

**Illum ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Robert Baldacchino,** iben Raymond u Nazzarena nee Magro, imwieled il-Pieta, Malta fit-tmintax (18) ta' Frar tal-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u residenti gewwa numru mija u wiehed u sittin (161), "Lesmag", Triq Leli Falzon, Naxxar, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0097795(M) fejn huwa gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Mejju 2017, ghall-habta tas-01:00 hrs gewwa Paceville, San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kelsey Psaila skont kif ccertifika Dr. Norman Galea MD Med. Reg. No: 5135 ta' l-isptar Mater Dei aggravat bil-fatt li huwa ufficcjal pubbliku u kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsehh dan ir-reat;

2. Ingurja lil Kelsey Psaila;

3. Kiser il-Bon Ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Kelsey Psaila kif jidrilha xieraq skond l-Artikolu 383 u 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 88)* datata l-20 ta' Lulju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Robert Baldacchino biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- l-Artikoli 214, 215, 216 (1) (a) (ii) (iii), 216(1) (b), 216 (1) (d), 216 (2), 218 (1) (a), 218 (1) (b), 218 (2), 141 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-Artikoli 339 (1) (e), 141 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-Artikoli 338(dd), 141 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- l-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- l-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju 2018 (*a fol. 89)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Lulju 2018. F'din l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proceddiment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-Difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Ispettur Nikolai Sant prezentata fil-hamsa (5) ta' Lulju 2019 (*a fol.* 169 *et seq*.) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Robert Baldacchino prezentata fit-tnejn (2) ta' Awwissu 2019 (*a fol.172 et seq*.).

**Ikkunsidrat:**

**<u>Sintezi tax-Xhieda Migbura</u>**

**<u>L-Ispettur Nikolai Sant</u>** (Fol. 11 *et seq*) xehed li fit-tlieta (3) ta' Mejju 2017 l-parte civile Kelsey Psaila rraportat fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan li

fl-ewwel (1) ta' Mejju 2017 madwar is-siegha ta' filghodu kienet giet attakkata mill-imputat Robert Baldacchino waqt li hija kienet fl-istabbiliment Havana f'Paceville. Spjegat lill-Pulizija li kien hemm zewg guvintur li kienu qeghdin jiggieldu. Wiehed minnhom kien Robert Baldacchino. Huha Adian Psaila flimkien ma' persuna ohra marru jippruvaw iferrqu l-glieda u minflok l-affari ikkakmat, Robert Baldacchino ta daqqa lil huha. Intervjenew il-bouncers u s-securities li kienu ha jarrestaw lil huha. Il-parte civile nfurmat lill-bouncers li huha ma kellu xejn x'jaqsam mal-glieda izda kien laqqat id-daqqa ta' ponn minghand Robert Baldacchino u indikat lill-boucners li Baldacchino kellu jitkecca 'l barra mill-istabbiliment. Kien f'dan il-punt li Baldacchino taha daqqa ta' ponn go wiccha. Hi hassha hazin u ittiehdet l-Isptar permezz ta' ambulanza. L-Ispettur kompla jixhed li l-parte civile identifikat lill-imputat l-ghada tal-incident. Hi u shabha kienu qeghdin go klabb iehor. L-imputat inzerta kien qieghed hemm. Shabha marru jkellmuh u dan ammetta li l-gurnata ta' qabel kien taha daqqa ta' ponn.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-Ispettur ikkonferma li l-incident kien sehh fl-ewwel (1) ta' Mejju mentri r-rapport sar fit-tlieta (3) ta' Mejju. L-imputat cahad li huwa kien involut fil-kommossjoni li kien hemm. Ghalkemm l-imputat kien gie arrestat b'konnessjoni ma' kommozzjoni li kien hemm, kien hemm konfuzjoni shiha biex jigi identifikat min aggerdixxa lil min. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien talab lill-Pulizija biex jiccekkjaw il-filmati tal-istabbiliment biex jikkonferma li huwa ma kienx involut fil-glieda. Irrizulta pero li l-kameras kienu qeghdin fuq il-cash registers biss.

**Dr Norman Galea** (Fol. 24) xehed li huwa kien it-tabib li kien ra lil Kelsey Psaila fid-Dipartiment tal-Emergenza. Spjega li din kellha diformita f'imnehirha li kienet giet kagunata wara allegata glieda f'Paceville.

**Kelsey Psaila** (Fol. 26) xehdet li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2017 hija kienet qeghda l-Havana ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (01.00hrs). Spjegat li kienu qeghdin hi, huha Adian Psaila, Christian Aquilina u Omar Graham. Spjegat li f'punt minnhom inqalghet glieda u huha u Christian marru jippruvaw iferrqu. Huha ipprova jikkalma lil Robert Baldacchino (li sa dak il-hin hija ma kinitx taf min kien) u waqt li huha kien qieghed jikkalmah, dan ta daqqa ta' ponn lil huha. Fil-pront gew il-bouncers li kienu sejrin jigbru lil huha. Qaltilhom li ħuha ma kienx qieghed jiggieled u din indikat lil Baldacchino. Kif ghamlet hekk hija qalghet daqqa ta' ponn minghand Baldacchino. Hija kompliet tghid li l-ghada kienu qeghdin party iehor u shabha Omar u Christian kienu kellmuh u dan kien kixef l-identita tieghu. Dan kien qalilhom li kien ta daqqa ta' ponn lil tfajla. Bl-informazzjoni migbura minn shabha hija kienet ghamlet rapport lill-Pulizija. Il-parte civile gharfet lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien taha d-daqqa ta' ponn.

Ix-xhud kompliet tghid li wara li qalghet id-daqqa hasset hafna ugiegh. Sehibha harigha mill-Havana u imbaghad marret l-Isptar b'ambulanza. Minkejja li kienet bl-ugiegh, hija xorta kienet marret ghall-party fl-istabbiliment "Aria".

**Kelsey Psaila** regghet xehdet fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2018 (Fol. 94 *et seq*). Hi ipprezentat ritratt mill-facebook profile ta' Robert

Baldacchino li juri li dan kien qieghed l-"Aria" dakinhar tal-ewwel (1) ta' Mejju 2017. Ix-xhud kompliet tghid li hija kienet baghtet lil Omar biex jikkonferma li kien hu ghaliex ghalkemm kienet gharfitu ma kinitx taf x'jismu.

**<u>Dr Mario Scerri</u>** (Fol 34 *et seq*) xehed li huwa kien gie nominat mill-Qorti biex jezamina lil Kelsey Psaila. Huwa kien ezaminaha fis-sebgha (7) ta' Dicembru 2017. Spejga li l-parte civile kellha frattura fil-*nasal bone*. Il-frattura kienet kompatibbli ma' blunt trauma u hija ta' natura gravi per durata.

**<u>PS 887 Stephan Mercieca</u>** (Fol. 49 *et seq*) xehed li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2017 huwa kien xoghol f'Paceville. Ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (23.30hrs) kien hemm kommossjoni fi Triq San Gorg, Paceville fejn hmistax -il persuna spiccaw involuti fi glieda. Il-Pulizija ikkontrolloaw is-sitwazzjoni. F'xi hin tfalja bl-isem ta' Kelsey Psaila avvicinat lill-Pulizija u din infurmathom li kienet qalghet daqqa minghand certu Robert Baldacchino. Baldacchino gie arrestat u Psaila intbaghtet l-isptar b'ambulanza. L-identita ta' Baldacchino giet iccekkjata fuq is-sistema. Ix-xhud kompla jghid li imbaghad ir-rapport ufficjali sar fit-tlieta (3) ta' Mejju 2017. Huwa ma kienx jaf ghalfejn ir-rapport kien sar dakinhar.

**<u>Adian Psaila</u>** (Fol. 54 *et seq*) xehed li gurnata minnhom hu, ohtu, Christian u Omar Graham kienu qeghdin il-Havana. Inqalghet glieda u hu flimkien ma' siehbu ippruvaw jakkalmaw is-sitwazzjoni. Kien f'dan il-punt li Baldacchini hebb ghalih. Hu dak il-hin ma kienx jaf min kien l-imputat.

Wara sar jaf li kien jismu Robert Baldacchino. Dan Baldacchino hebb ghalih billi imbuttah. Hekk kif imbuttah, gew il-bouncers ghal fuq Psaila u harguh 'l barra. Kelsey Psaila qalet lill-bouncer li Baldacchino kien li qala' l-inkwiet. F'dan il-hin Baldacchino taha daqqa ta' ponn. Ix-xhud qal li ra lil Baldacchino jaghtiha d-daqqa ta' ponn. Kelsey intilfet minn sensieha. Harigha barra Christian Aquilian u minn hemm baqghet sejra l-isptar. Irrizulta li kellha imnehirha miksur.

**Christian Aquilina** (Fol. 58 *et seq*) xehed li lejn l-ahhar ta' April kien qieghed il-Havana. F'hin minnhom bdiet glieda u hu dahal jifraq. Robert Baldacchino kien involut f'din il-glieda. Sar jaf x'kien jismu wara li ghamlu tfittxija fuqu minn Facebook. Ix-xhud kompla jghid li hu sar jaf min kien ghaliex kien rah fil-glieda u mbaghad gharaf wiccu.

X'hin hu u Adian kienu qeghdin jifirqu, Adian laqqat daqqa ta' ponn u gew il-boucners biex lil Adian johorguh 'l barra. Dan ghaliex il-bouncers hasbu li Adian kien involut fil-glieda. Kelsey qalet lil bouncers li Adian ma kienx involut u Baldacchino taha daqqa ta' ponn. Bid-daqqa Kelsey intilfet minn sensieha u hu harigha mill-istabbiliment. Saret wkoll telefonata ghall-ambulanza.

Ix-xhud kompla jghid li l-ghada marru party iehor. Robert Baldacchino inzerta kien qieghed hemm. Ix-xhud mar fuqu biex ikellmu biex jara li kien hu fic-cert u dan Baldacchino beda jghid u jiftahar li kien ta daqqa ta' ponna lil tifla u li tela' go vann tal-Pulizija. Ix-xhud sostna li dan id-diskors semghu hu flimkien ma' siehbu Omar Graham.

**Joseph Saliba** (Fol 73) ipprezenta l-employment history ta' Robert Baldacchino minn fejn jirrizulta li l-imputat huwa impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta bhala Gunner.

**Omar Graham** (Fol. 79 *et seq*) xehed li fl-ewwel (1) ta' Mejju 2017, huwa kien qieghed party fi stabbiliment San Gwann. Spjega li kien gara xi kaz xi jumejn qabel u Kelsey kienet indikat li f'dak l-istabbiliment ta' San Gwann fejn kienu, kien hemm persuna minn dak li kienu involuti fil-glieda. Graham mar ikellem lin-nies ta' dan il-grupp biex jara jsirx jaf min kien ta d-daqqa ta' ponn lil Kelsey. Graham ma ftakarx x'diskors intqal ghax kien imlahlah u kien hemm hafna storbju.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonferma li l-incident kien sehh il-Havana izda hu ma kienx hemm meta sehh l-incident. Ikkonferma wkoll li waqt li kienu fl-istabbilment "Aria", Kelsey kienet rat grupp ta' zghazagh li maghhom kien hemm l-imputat. F'dan il-grupp li fih kien hemm hamsa min-nies, ix-xhud kien jaf lil persuna minnhom jisimha Kerstin. Kelsey kienet indikat lil wiehed minn dan il-grupp bhala t-tifel li kien taha d-daqqa. Ix-xhud mar ikellem lil Kerstin u sar jaf li l-individwu li Kelsey kien indikat bhala li taha d-daqqa kien jimsu Robert Baldacchino.

**Jason Psaila** (Fol. 90 *et seq*) missier Kelsey xehed li hu kien kellem lil Omar Graham li jkun mat-tfal tieghu u dan qallu biex l-ghada jitilghu l-Aria halli jikkjarifika min kien il-persuna li taha d-daqqa. Qallu li Kelsey kienet taghrfu. Pero' ma kinitx taf x'jismu. Kienet taf li arrestaw persuna pero ma kinitx certa jekk il-persuna li arrestaw il-Pulizija kienx hu jew le. Ix-xhud kompla jghid li Omar kien sar jaf il-persuna min hu b'ismu u

b'kunjomu. Ix-xhud temm jghid li meta kienu hergin mill-ghassa xi granet wara, it-tifla kienet gharfet lil Baldacchino diehel l-ghassa u hu kien informa lill-Pulizija.

L-imputat **Robert Baldacchino** (Fol. 110 *et seq*) xehed li hu jahdem fl-armata. Fl-ewwel (1) ta' Lulju 2017 hu, Kerstin Axisa, Kerstin Galea, John Chetcuti u Dillon Ciappara telghu Paceville ghall-habta tal-ghaxra u nofs jew il-hdax ta' filghaxija. Huma kienu marru Havana mill-ewwel. F'hin minnhom innota lil Kerstin Axisa jillatika ma' xi hadd. Huwa mar biex jara x'kien inqala u kien hemm persuna li zammu milli jersaq lejn Axisa. Dan billi ghamel idu ma' kolonna biex lil Baldacchino ma jhalliehx jghaddi u jasal fejn Axisa. Baldacchino ipprova jnehhilu idejh. L-iehor imbuttah u kien se jaqla' idejh u Baldacchino anticipah u qala' idu qablu. Hu u jersaq lejn Axisa ra tlett bouncers jersqu fid-direzzjoni taghhom u inqalghet kommossjoni shiha fl-istabbilment.

L-imputat kompla jghid li imbaghad hu hareg barra u inqalghet wahda tfajla li hu ma kienx jaf min hi u saqsietu min kien taha daqqa ta' ponn. Din kienet il-parte civile. Huwa kien wegibha li hadd ma taha daqqa ta' ponn. Hija kellha d-demm hiereg. Maghha kien hemm zewg guvintur. Waqt li kien qieghed barra, gie ragel iehor – li Baldacchino gharaf bhala l-persuna li kien zammu milli jmur fejn Kerstin Axisa – u dan beda jsaqsi min kien li ta daqqa ta' ponn lil ohtu. Wiehed minn shab dan ir-ragel beda jindika li wiehed li kien liebes qmis bajda kien ta d-daqqa ta' ponn. F'dak il-hin kien niezel Kerstin Ciappara u kienu se jmorru ghalih ghaliex dan kellu qmis bajda. Kerstin ma kienx mal-grupp tal-imputat izda kien gie peress li l-imputat kien hareg lil Dillon Ciappara (li kien jigu hu Kerstin

Ciappara) mill-istabbiliment wara l-kommossjoni li kien hemm u Kerstin Ciappara kien mar jara x'kien gralu huh.

L-imputat kompla jghid li zviluppat glieda ohra fuq barra. Dan ghaliex dawk li kienu ma' Kelsey bdew iwahhlu f'Kerstin Ciappara bhala l-persuna li kien ta d-daqqa lil Kelsey. Minn hemm zviluppat glieda ohra fuq barra tal-istabbiliment. Il-Pulizija spiccaw involuti biex jikkalmaw is-sitwazzjoni u ghal xi hin wkoll zammew lill-imputat ghal xi minuti fil-vann taghhom. Hu u diehel fil-vann, l-imputat qal li kien ra lill-parte civile. Hi ma kellmitux.

Aktar tard f'dik l-istess gurnata, l-imputat flimkien ma' shabu marru fl-istabbiliment "Aria". Regghu iltaqghu mal-grupp li kellhom xi jghidu maghhom fil-lejl ta' qabel u marru jkellmuhom biex jirrangaw. Waqt din il-konversazzjoni, Kelsey Psaila indikat lil Kerstin Galea li hu (cioe l-imputat) kien tahielha d-daqqa u dan fil-pront wegibha li ma setax ikun ghax Robert kien il-hin kollu hdejh. Din il-konversazzjoni pero' ma saritx fil-presenza tal-imputat. Baldacchino zied jghid wkoll li f'hin minnhom gie persuna ohra li kien jaf lil Kerstin Axisa. Dan qabad jitkellem maghhom u fl-ahhar qaghad isaqsiehom x'jisimhom. Lill-imputat saqsieh ghal darba darbtejn x'kien jismu u kunjomu. Kien qalilhom li ried ifittixhom facebook.

Xi granet wara l-imputat qal li mar l-ghassa ta' San Giljan fuq kwistjoni ohra. Huwa u diehel kien inzerta lill-parte civile u lil ragel iehor hergin mill-Ghassa. Dan ir-ragel rega' dahal l-ghassa u ndika lill-Pulizija bhala r-ragel li kien ta d-daqqa ta' ponn lil Kelsey.

Ix-xhud kompla jghid wkoll li hu kellu ritratt li kien ittiehed dakinhar li sehh l-incident, liema ritratt kien jindika li hwua kien liebes qmis celesti u mhux bajda. Qal wkoll li kien kellem lis-sid tal-istabbiliment Havana biex jara jekk setax jghaddilu l-filmati biex juri li hu ma kellux x'jaqsam ma' din id-daqqa ta' ponn. Ikkonferma li kien mar hu min jeddu u kien anke talab lill-Ispettur Sant biex jara jekk setax jakkwista dawn il-filmati ghax hu ma kellux x'jahbi. Ix-xhud temm jghid li huwa xtaq wkoll isir jaf min kien tahielha d-daqqa ta' ponn ghax kien spicca f'hafna inkwiet ghalxejn. L-imputat ikkonferma wkoll l-istqarrija li huwa kien ta lill-Pulizija.

**__In kontro-ezami__**, ikkonferma li x'hin kien fil-Havana u nzamm milli jersaq lejn Kerstin Axisa, dak li zammu kien se jaqla' idejh u hu irreagixxa u tah daqqa ta' ponn qabel. L-imputat cahad wkoll li kien ta daqqa ta' ponn lill-parte civile ghaliex din kienet irrapurtatu mal-bouncers. Cahad wkoll li qal xi kliem dispregjattiv. Spjega wkoll li huwa fl-ebda hin ma kien ammetta li ta xi daqqa lil tfajla: sostna li kienu saqsewh x'jismu ghal darba darbtejn. Temm jghid li lill-parte civile raha l-ewwel darba bid-demm fuq barra.

**__Kerstin Axisa__** (Fol. 126 *et seq*) xehed li hu habib tal-imputat. Spjega li lejliet l-ewwel (1) ta' Mejju hu, flimkien mal-imputat, Kerstin Galea u Dylan Ciappara telghu Paceville u marru l-Havana. F'daqqa wahda x-xhud ra lil Dylan Ciappara jaqla' minghand il-bouncers. Kerstin Galea mar biex jipprova jaqilghu minn taht il-bouncers. Kompla jghid li kien hemm xi sitt glidiet dakinhar fl-istabbiliment. X'hin ikkalmaw l-affarijiet

gewwa, huwa thalla johrog barra. Is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u kien hemm wkoll il-Pulizija.

Sadanittant pero il-grupp li fih kien hemm hu Kelsey Psaila gew ghalihom ghax bdew jghidu li xi hadd kien ta daqqa lil Kelsey Psaila. Zviluppat glieda ohra u l-Pulizija ghamlu uzu mill-pepper spray biex regghu ikkalmaw is-sitwazzjoni.

Ix-xhud kompla jghid li aktar tard fil-gurnata, hu u shabu kienu marru fl-istabbiliment "Aria". Waqt li kien l-"Aria" Axisa beda jitkellem ma' wiehed Omar li kienu jafu bil-laqam "il-Geru". F'hin minnhom waqt li x-xhud kien ma' Kerstin Galea giet wahda tfajla li aktar tard sar jaf li kien jisimha Kelsey Psaila u din bdiet tallega li xi hadd bil-qmis bajda kien taha daqqa ta' ponn u bdiet tindika lil Robert Baldacchino. Ix-xhud qalilha li ma setax ikun li Robert ghamel xi haga ghax lanqas dubbiena ma jwegga'. Omar zamm kuntatt max-xhud permezz ta' snap chat. Omar baqa' jinsisti ma' Axisa li Baldacchino kien taha d-daqqa.

**<u>In kontro-ezami</u>**, Axisa wiegeb li dakinhar tal-incident tal-Havana, l-imputat kien liebes qmis celesta. Ikkonferma li Omar maghruf bhala "il-Geru" kien tkellem mieghu biex jakkwista l-informazzjoni u l-imputat fl-ebda hin ma ammetta li kienta daqqa ta' ponn lil xi tfajla.

**<u>In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami</u>** tieghu fil-hamsa (5) ta' Gunju 2019, Kerstin Axisa xehed li l-incident li kien sehh il-Havana huwa ma kienx rah b'ghajnejh. Kien sar jaf bl-incident tad-daqqa ta' ponn ghax kienu qalulu shabu bih. Kompla jghid wkoll li meta kienu fl-istabbiliment

"Aria", Omar kien gie jkellem lill-grupp tieghu. F'dan il-punt l-incident ma kienx isemma'. Aktar tard ix-xhud qal li imbaghad kien tkellem ma' Kelsey fil-presenza ta' Kerstin Galea u din kienet indikat li Robert kien taha d-daqqa ta' ponna. Ix-xhud qalilha li ma setax ikun ghaliex Robert kien il-hin kollu mieghu. Sostna li fl-ebda hin Robert ma ammetta maghha li kien ta daqqa ta' ponn lil xi tfajla.

Fuq mistoqsija tal-legali tal-parte civile, Kerstin Axisa kompla jinsisti li kienet Kelsey stess li kienet indikat li kien xi hadd bil-qmis bajda li kien taha d-daqqa.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun*

*dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

F'dan il-kaz wkoll il-Qorti giet rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti ta' dak li allegament sehh bejn il-partijiet. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after*

*consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll*

***Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[1]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat.

Fil-kaz in ezami – kif del resto jigri f'bosta kazijiet – din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti ta' dak li sehh: min-naha hemm il-verzjoni tal-parte civile li qed tghid li laqtet daqqa ta' ponn minghand ragel li hija identifikat bhala l-imputat u min-naha l-ohra hemm il-verzjoni tal-imputat li (ghalkemm ma jichadx li Kelsey soffriet xi feriti ghaliex kien raha bid-demm fit-tarag tal-istabbiliment Havana) jichad li huwa refa' idejh fuq il-parte civile jew li b'xi mod kellu xi kuntatt maghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**Ir-Reat ta' Feriti ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' Kelsey Psaila**

Qabel ma wiehed jidhol fuq il-kwistjoni dwar in-natura tal-feriti sofferti minn Kelsey Psaila, irid jigi stabbilit jekk dawn il-feriti li gew sofferti minnha kinux rizultat ta' xi azzjoni specifika da parti tal-imputat.

---

[1] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti u qieset il-mod ta' kif xehdu quddiemha x-xhieda u l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, din il-Qorti ssibha difficli biex tikkonkludi li l-feriti fuq il-persuna ta' Kelsey Psaila gew kagunati mill-imputat. Il-Qorti m'hi xejn konvinta dwar il-mod ta' kif il-parte civile waslet biex tattribwixxi l-akkadut lill-imputat. Il-Qorti hija propensa li taccetta t-tezi tad-difiza li dan hu kaz ta' "mistaken identity" fis-sens li l-parte civile erronjament attribwiet il-fatt ghall-imputat forsi anke ghaliex hija kienet rat lill-imputat mizmum fil-vann tal-Pulizija. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kaz <u>***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ronald sive Ronnie Azzopardi***</u> deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2018 kienet wissiet wara li ikkwotat ir-regoli ta' R vs Turnbull li *"l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni."*[2]

Il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Ghalkemm PS 887 Stephan Mercieca jaghti l-impressjoni li l-parte civile specifikament indikat lil Robert Baldacchino bhala l-persuna li kien taha d-daqqa ta' ponn waqt li dan kien qieghed arrestat mill-Pulizija ftit hin wara li kien sehh l-incident, il-kumplament tal-atti ma jipprovdu l-ebda konferma f'dan is-sens. Anzi l-indikazzjonijiet

[2] Paragrafu 41 tad-decizjoni.

juru li ma kien hemm l-ebda rikonoxximent f'dak l-istadju. Infatti fl-ewwel deposizzjoni taghha, Kelsey Psaila ma tirreferix ghall-fatt li hija kienet identifikat lill-imputat waqt li dan kien arrestat. Kien biss fit-tieni deposizzjoni li taghmel riferenza ghall-fatt li huwa kien gie arrestat. In oltre missier Kelsey Psaila, jaghti x'jifhem wkoll li assolutament Kelsey ma kinitx certa jekk id-daqqa kinitx qalghetha minghand Robert Baldacchino, il-persuna li kienu zammew il-Pulizija u li kien ghalhekk li imbaghad kienet marret fl-istabbiliment "Aria" biex tara jekk tinzertahx.[3]

(b) Kelsey lanqas ma issemmi fid-deposizzjoni li meta marret biex taghmel ir-rapport l-ghassa ta' San Giljan hija kienet rat lill-imputat diehel fil-hin li kienet hierga. Dakinhar rega' dahal biss missierha jindika lill-Pulizija li r-ragel li kien dahal l-ghassa kien il-persuna li ta d-daqqa ta' ponn lil bintu;

(c) Kelsey Psaila tistqarr li hija ghamlet l-identifikazzjoni tal-imputat diversi sighat wara l-incident, waqt li hija kienet ghall-party fi stabbiliment iehor f'San Gwann. Fid-deposizzjoni taghha tghid li hija rat lill-imputat f'dan l-istabbilment u gharfitu. Ma jirrizultax li hija kellmitu izda baghtet lil shabha biex ikellmuh. Din l-identifikazzjoni ghalhekk saret minn certu distanza u mhux minn kuntatt vizwali mill-qrib. Apparti minn hekk il-parte civile ghall-fini ta' identifikazzjoni ma tistriehx biss fuq il-fatt li gharfitu izda tattribwixxi hafna importanza lill-allegata ammissjoni da parti tal-

[3] Fol. 90 tal-process.

imputat li kien ta daqqa lil tfajla l-lejl ta' qabel, liema ammissjoni ma saritx fil-presenza tal-parte civile izda giet riportata lilha lil terzi:

*"Qorti: Kif sirt taf li hu Robert Baldacchino ?*

*Parte Civile: L-ghada tlajt party kien filghodu u gharaftu, marru shabi jkellmuh, ovjament biex johdulu minn mohhu.*

*Pros: Min huma shabek ?*

*Parte Civile: Omar u Christian, l-iktar li kellmu Omar imma u kixef l-identita tieghu, fejn joqghod u sirt naf kollox fuqu jiena. Jiena mort naghmel ir-rapport bl-isem tieghu. Jiena lil shabi qallu dan li hu ta d-daqqa ta' ponn li tfajla, ghax spiccajt fil-vann tal-pulizija li hija azzar, kien qieghed fil-vann tal-pulizija huwa, kien arrestat u jiena ikkonfermajtu ismu ghar-rapport tal-pulizija. Jiena lil dan il-persuna gharaftu mill-ewwel."*[4]

Apparti minn hekk l-ammissjoni lanqas hija riportata miz-zewg shabha li marru jkellmu lill-imputat izda minn wiehed minnhom biss peress li Omar Graham ma ftakarx x'intqal peress li fi kliemu kien imlahlah bix-xorb. Christian Aquilina biss jghid li l-imputat ammetta li kien ta daqqa ta' ponn lil tfajla, minghajr pero l-imputat ma jaghmel l-ebda riferenza ghal min kienet din it-tfajla specifika;

[4] Fol. 28 tal-process.

(d) Jirrizulta wkoll anke mill-bran tax-xhieda sucitat u anke minn dak li xehdet il-parte civile it-tieni darba fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2018, li l-fatt li l-imputat kien arrestat ghal xi hin u l-istess parte civile ratu arrestat kompla jsahhah il-konvinzjoni fiha li kien hu li ikkagunalha tali feriti;

(e) Il-Qorti tinnota wkoll kontradizzjoni bejn dak li jixhed Christian Aquilina u dak li tixhed il-parte civile. Aquilina jaghti x'jifhem li kien hu li gharaf lill-imputat fl-istabbiliment f'San Gwann bhala l-persuna li kien involut fil-glieda fil-Havana u mar fuqu biex ikellmu ha jara kienx hu fic-cert. Min-naha l-ohra l-parte civile tistqarr li kienet hi li gharfitu u li marru shabha biex ikellmuh. F'dettal daqshekk importanti dawn iz-zewg xhieda ma jaqblux. Christian Aquilina jkompli wkoll ihawwad il-borma meta jzid jghid wkoll li sabiex jidentifikaw l-imputat kienu anke qaghdu jfittxu fuq facebook tramite l-profiles tal-hbieb tieghu. Dan kollu jkompli jitfa' dubji serji dwar kemm wiehed jista' joqghod fuq l-identifikazzjoni maghmula mill-parte civile u shabha;

(f) Kelsey Psaila isostni wkoll li hija kienet intervjeniet mal-bouncers ghar-raguni li huha Adian kien laqqat daqqa ta' ponn minghand Baldacchino. Stranament pero Adian Psaila ma jsemmi xejn li huwa laqqat xi daqqa ta' ponn minghand Baldacchino, kif sewwasew tirrakkonta ohtu. Infatti rigward id-dinamika ta' dan l-incident Adian spjega: *"Bdew jaghtu, jiena waqqaftu, ippruvajt nikkalma s-sitwazzjoni ghax giet go fina, kien hemm it-tfajla tieghi bdew jaqilbu l-affarijiet u zammejtu lura, mbuttani. Kif imbuttani gew il-bouncers fuq*

*harguni l-barra u ohti kif qaltilhom 'Mhux Adian kien imma Robert Baldacchino taha daqqa ta' ponn'"*[5]

(g) Stranament wkoll waqt li kienu l-"Aria", Adian Psaila fl-ebda hin ma gie avvicinat sabiex jikkonferma l-identita tal-persuna meta fl-ahhar mill-ahhar skont il-parte civile l-incident beda minhabba l-kuntatt li kien hemm bejn Adian Psaila u l-imputat. Jekk kellu jkun hemm identifikazzjoni, din kellha issir wkoll minn Adian peress li hu kien il-persuna li kellu x'jaqsam l-ewwel mal-imputat. F'din il-haga pero jidher li Adian Psaila ma dahal xejn;

(h) Fl-ahhar nett jigi senjalat li dakinhar fil-Havana kien hemm aktar minn kommozzjoni wahda, tant li x-xhud Kerstin Axisa jiddeskriviha bhala l-aghar sitwazzjoni li qatt ra f'post tad-divertiment.[6] Apparti minn hekk fuq barra tal-Havana, wkoll inqalghet kommozzjoni shiha tant li l-istess Pulizija sabu diffikulta jidentifikaw min ghamel xiex. Fil-fatt l-Ispettur Sant fid-deposizzjoni tieghu jistqarr li: *"Nikkalkula kienu xi ghaxar (10) persuni [li tkeccew mill-Havana]. Fil-fatt il-pulizija arrestaw xi ftit minnhom u anke gie arrestat l-imputat odjern, pero kien hemm konfuzjoni which was which, min agredixxa lil min qed tifhem, dak il-hin tista' tifhem storbju, muzika u genn biex jigu identifikati mhux dejjem tkun daqshekk facli."*[7]

---

[5] Fol. 55 tal-process.
[6] Fol. 132 tal-process.
[7] Fol. 13 tal-process.

(i) In kontraposizzjoni ghas-suespost insibu imbaghad l-verzjoni moghtija mill-imputat Robert Baldacchino. Dan kien minn dejjem konsistenti fil-verzjoni li huwa ta: dejjem cahad li hu kien refa' idejh fuq l-parte civile. Sahansitra kien ghamel enfazi mal-Pulizija u anke ha l-inizjattiva hu personali sabiex jara jingabrux il-filmati tal-istabbiliment halli jkun hemm konferma li huwa ma ta l-ebda daqqa lill-parte civile. Anzi fid-deposizzjoni tieghu stqarr li hu wkoll xtaq jaf min kien il-persuna li ta d-daqqa lill-parte civile ghax huwa kien spicca involut f'dan il-kaz bla bzonn. Il-Qorti ssibha difficli sabiex tirrikoncilja dan l-atteggjament ma' dak ta' xi hadd li wettaq l-allegat reat;

(j) Hemm wkoll l-fatt li l-imputat insista u gab prova li dakinhar tal-incident huwa kien liebes qmis celesti u mhux bajda, kif kienu indikaw il-grupp ta' Kelsey Psaila ftit qabel ma faqqghet it-tieni glieda barra mill-istabbiliment tal-Havana. Shab Kelsey stess kienu indikaw li l-persuna li ta d-daqqa kien liebes qmis bajda. Infatti it-tieni glieda barra l-Havana – li fiha spiccaw gew involuti l-Pulizija biex jikkalmaw l-affarijiet – sehhet ghaliex shab Kelsey marru ghal dak li kien liebes il-qmis bajda. Kuntrarju ghall-imputat li enfasizza sa mill-bidu nett tal-investigazzjonijiet li huwa kien liebes qmis celesti u infatti dan il-punt indikah bl-aktar mod car fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija, ix-xhieda tal-parte civile fix-xhieda li taw ma jaghmlu riferenza ghall-ebda qmis. Lanqas ma jichdu dak allegat mill-istess imputat;

(k) Il-verzjoni tal-imputat tinsab wkoll korraborata mix-xhud Kerstin Axisa. Ix-xhieda li ta Kerstin Axisa kienet pjuttost dettaljata u ikkonfermat fl-interita taghha il-verzjoni moghtija mill-imputat Baldacchino. Dan l-istess xhud baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu anke in kontro-ezami;

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li m'ghandha l-ebda dubju li l-parte civile kienet vittma ta' aggressjoni li kawza taghha garbet feriti f'wiccha ma tistax b'serenita tasal biex tattribwixxi tali aggressjoni u feriti li hija soffriet lill-imputat.**

Fic-cirkostanzi m'hemmx lok biex jigi ezaminat jekk il-feriti sofferti mill-parte civile humiex gravi jew le.

**Ir-Reat Taht l-Artikolu 339(1)(e)**

Dan ir-reat lanqas ma jirrizulta stante li ma jidhrix li kien hemm xi forma ta' kuntatt bejn l-imputat u l-parte civile fl-istabbiliment Havana. Lanqas ma jirrizulta li l-imputat indirizza xi kliem fil-konfront tal-istess parte civile. Infatti fix-xhieda taghha l-parte civile ma issemmi xejn f'dan ir-rigward.

**Ir-Reat Taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali**

Rigward il-kontravvenzzjoni kontemplata taht dan l-aritkolu, kif gia senjalat f'gurisprudenza tal-Qrati taghna, jehtieg li tali ksur tal-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku inissel imqar minimu ta' inkwiet jew

thassib f'mohh persuna li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat dwar l-inkoluminita ta' persuna jew dwar l-inkoluminita ta' propjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.[8]

Mhux kontestat li barra mill-istabbiliment Havana sehhet glieda li fiha kienu involuti diversi nies inkluz wkoll l-imputat. Il-fatt li l-agir li fih kien involut l-imputat nissel inkwiet u thassib huwa konfermat mill-fatt li l-Pulizija kellha tintervjeni biex twaqqaf il-glieda li zviluppat barra l-istabbiliment tal-Havana. Sahanistra l-Pulizija kellha tuza wkoll il-pepper spray biex tferraq il-persuni u inhasset il-htiega wkoll li l-imputat jigi mizmum ghal xi hin mill-Pulizija.

Jqum l-argument jekk ghalkemm l-imputat huwa ufficcjal pubbliku, hux u kienx jinkombi fuqu l-obbligu li jara ossia jissorvelja li r-reati mixli dwarhom ma jsirux, jew li b'xi mod jipprevjeni milli jsiru[9].

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emmanuel Testa**[10] deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-17 ta' Lulju 2002

---

[8] Ara sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' Frar 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Marc Luigi Alwan (Kaz Nru 9/2017).

[9] Art. 141: "*Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad*". Fir-rigward ta' din id-disposizzjoni ara, fost ohrajn, ***Il-Maesta` Tieghu r-Re v. Alfred Camilleri***, Qorti Kriminali, 15 ta' Dicembru, 1942, riportata f'Recent Criminal Cases Annotated (1943) tal-Imhallef William Harding, para. 35, pagna 70.

[10] Appell Numru 152/2002

*L-appellant ghandu diversi aggravji. Il-parti l-kbira taghhom huma dwar il-piena, pero` hemm aggravju minnhom li jirrigwarda wkoll is-sejbien ta' htija fuq it-tielet imputazzjoni, ossia dwar l-aggravju kif kontemplat fl-Artikolu 141. Huwa jikkontendi, bazikament, li ghalkemm huwa ufficjal pubbliku, ma hux u ma kienx jinkombi fuqu l-obbligu li jara ossia jissorvelja li r-reati kontemplati fl-Artikoli 207 u 209 ma jsirux, jew li b'xi mod jipprevjeni milli jsiru[11]. Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri**, fuq ammissjoni ta' l-imputat qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, ammenokke` ma jirrisultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew <u>li fuq il-fatti minnu ammessi l-qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe` ssibu hati ta' reat</u>[12]. Issa, f'dan il-kaz il-fatti principali li kienu qed jigu imputati lil Emmanuel Testa, u li hu ammetta, kienu li xogholu kien ta' "ticketing inspector", li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur kif ukoll li offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li huwa ghamel f'lok pubbliku, u <u>li dan l-attentat vjolenti u dan l-ghemil twettqu filwaqt li huwa kien qed iwettaq id-dmirijiet tieghu ta' "ticketing inspector"</u>. Minn dawn il-fatti ma jikkonfigurax l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-*

[11] Art. 141: "Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad". Fir-rigward ta' din id-disposizzjoni ara, fost ohrajn, ***Il-Maesta` Tieghu r-Re v. Alfred Camilleri***, Qorti Kriminali, 15 ta' Dicembru, 1942, riportata f'<u>Recent Criminal Cases Annotated</u> (1943) tal-kompjant Imhallef William Harding, para. 35, pagna 70.

[12] Ara wkoll ***Il-Pulizija v. George Cassar Desain***, Qorti Kriminali, 27 ta' Ottubru, 1962.

*Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha[13]) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati). Din il-Qorti ezaminat kemm l-Att dwar Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) kif ukoll l-Avvizi Legali 101/1992 u 58/1997 (li jittrattaw specifikatament dwar id-doveri u s-setghat ta' Enforcement Officers u Transport Assistants), izda ma sabet ebda disposizzjoni li tista' tigi interpretata bhala li timponi (direttament jew indirettament) fuq persuni fil-kariga li kellu l-appellant l-obbligu li jissorveljaw li ma jsirux, anke jekk fuq mezzi tat-trasport pubbliku, ir-reati kontemplati fl-Artikoli 207 u 209 tal-Kodici Kriminali, jew l-obbligu li jimpedixxu tali reati. U effettivament fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2002 l-abbili Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said qabel li f'dan il-kaz l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali ma kienx japplika. Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant, cioe` fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, qed jigi akkolt.*

*Dwar il-piena l-appellant jilmenta li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni disposizzjonijiet ta' ligi li ma kienux applikabbli ghall-kaz tieghu. Effettivament fis-sentenza appellata hemm referenza kemm ghall-Artikolu 201 tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-Artikolu 202. L-Artikolu 201 jirreferi ghar-reat ta' stupru, reat li, anke fil-forma ta' tentattiv, huwa totalment differenti minn dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur. Ir-referenza ghall-Artikolu 202 presumibbilment saret mill-ewwel qorti minhabba l-aggravju kontemplat fil-paragrafu (a) ta dak l-*

[13] Bhalma huwa l-kaz ta' ufficjali tal-pulizija in vista ta' dak li jipprovdu, fost ohrajn, l-Artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164).

*artikolu, u cioe` meta r-reat (f'dan il-kaz ta' attentat vjolenti ghall-pudur) isir billi l-hati jinqeda "bil-kwalita` tieghu ta' ufficjal pubbliku". <u>Dana l-aggravju, pero`, ma giex prospettat fl-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva</u> – huwa evidenti li l-fatt li persuna tikkommetti reat "waqt il-qadi tad-dmirijiet taghha" ma jammontax necessarjament ghall-fatt li dak ir-reat ikun sar billi dik il-persuna tkun inqdiet bil-kwalita` taghha (f'dan il-kaz ta' ufficjal pubbliku). Ghalhekk l-ewwel qorti <u>ma setghetx tapplika l-aggravju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 202(a) tal-Kodici Kriminali</u>.*

Din il-Qorti ezaminat l-**Att dwar l-Armata** (Kap. 220 dwar id-doveri u s-setghat tal-membri taghha flimkien mal-Avviz Legali 66 ta' l-1980 l-**Ordni dwar l-Ghoti ta' Setghat lill-Forzi Armati ta' Malta** fejn Artikolu 2 jipprovdi:

*Fil-qadi ta' dmirijiet ta' patrol, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali, mog]tija lilu mill-Kmandant tal-Forzi Armatl ta' Malta, sew jekk dawk id-dmirijiet isiru fuq l-art, fuq il-bahar jew fl-ajru, membru tal-Forzi Armati ta' Malta jkollu s-setgha li jezercita dawk il-funzjonijiet, setghat u dmirijiet kollha li bil-ligi huma vestiti f'ufficjal tad-Dwana jew f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta:*
*Izda dawk il-funzjonijet, setghat u dmirijiet li bil-ligi huma riservati ghal ufficjali li jkollhom il-grad mhux taht dak ta' Spettur tal-Pulizija jkunu ezercitabbli biss minn membru li jkollu kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta.*

Minn dawn il-fatti ma jikkonfigurax l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha[14]) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati)[15].

F'dan ir-rigward ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata izda mhux bl-agravju stipulat bl-artikolu 141. Il-piena applikabbli hija dik stabbilita ghal din il-kontravvenzjoni.

<u>**DECIDE:**</u>

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti:

A) mhux qieghda issib lill-imputat Robert Baldacchino hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom;
B) u wara li rat l-artikoli 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u qieghda tikkundannah ghal TWIDDIBA.

______________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[14] Bhalma huwa l-kaz ta' ufficjali tal-pulizija in vista ta' dak li jipprovdu, fost ohrajn, l-Artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164).

[15] Din it-tema kienet trattata mill-Imhallef Vincent Degaetano fis-17 ta' Lulju, 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Emmanuel Testa** kkwotata aktar 'l fuq fis-sentenza.